SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Sitt Awla)

2 ta' Lulju 2009 *

Fil-Kawża T-414/07,

Européenne de traitement de l'information (Euro-Information), stabbilita fi Strasbourg (Franza), irrappreżentata minn P. Greffe, M. Chaminade u L. Paudrat, avukati,

rikorrenti

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn O. Montalto u R. Bianchi, bħala aġenti,

konvenut

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Settembru 2007 (Każ R 290/2007-1), li tiċħad l-applikazzjoni

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

għar-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja ta' sinjal li jirrappreżenta id iżżomm kard bi tliet trijangoli,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. W. H. Meij, President, V. Vadapalas (Relatur) u L. Truchot, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fid-19 ta' Novembru 2007,

wara li rat ir-risposta ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-4 ta' Frar 2008,

wara s-seduta tal-10 ta' Ottubru 2008,


tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fl-10 ta' Lulju 2006, ir-rikorrenti, il-Européenne de traitement de l'information (Euro-Information) ippreżentata lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) applikazzjoni għal trade mark Komunitarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol 1, p. 146), kif emendat [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)].

2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni hija s-sinjal figurattiv riprodott hawn taħt:



3 Il-prodotti u s-servizzi li għalihom intalbet ir-reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassijiet 9, 35 sa 38 u 42 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irrivedut u emendat, u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:

— klassi 9: "Apparat għar-reġistrazzjoni, it-trażmissjoni, ir-riproduzzjoni ta' ħsejjes jew ta' stampi; aġendi elettroniċi, distributuri awtomatiċi, magni li jagħtu l-flus, il-biljetti, id-dikjarazzjonijiet ta' kontijiet, l-estratti ta' kontijiet, magni awtomatiċi ta' ħlas, magni awtomatiċi bankarji, kameras (apparat ċinematografiku), kameras tal-vidjo, kards tal-memorja (memory cards) jew b'mikroproċessur (microprocessor cards), kards manjetiċi, kards manjetiċi jew b'mikroproċessur ta' identifikazzjoni, kards manjetiċi jew b'mikroproċessur ta' ħlas, ta' kreditu jew ta' debitu, kasetts tal-vidjo, CD-ROMs, magni li jaqraw il-bar codes, diski kompatti (awdjo vidjo), diski ottiċi kompatti, detekters tal-flus foloz, floppy disks, tagħmir li jġorr id-data b'mod manjetiku, tagħmir li jġorr id-data b'mod ottiku, skrins tal-vidjo, apparat għall-ipproċessar tal-informazzjoni, apparat ta' interkomunikazzjoni, interfaces (informatiċi), scanners (informatiċi), softwer (programmi reġistrati), softwer għall-ġestjoni tal-kontijiet, monitors (programmi tal-kompjuter), kompjuters, tagħmir periferiku għall-kompjuter, programmi tal-kompjuter irreġistrati, programmi tas-sistemi operattivi rreġistrati (għal kompjuters), apparat radjotelefoniku, riċevituri (awdjo, vidjo), apparat telefoniku, mowbajls, apparat tat-televiżjoni, mekkaniżmi għall-ħlas bil-quddiem għal apparat tat-televiżjoni, apparat għar-reġistrazzjoni tal-ħin, trażmettituri (telekomunikazzjoni), unitajiet ċentrali ta' trattament (proċessuri), programmi u tagħmir informatiċi li jippermettu li jiġu offruti servizzi kompluti bankarji, ta' kumpannija finanzjarja u ta' assigurazzjoni għad-distanza, softwer għal ħlas b'sigurtà għal netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni online, apparat u strumenti ta' ħlas elettroniku; tagħmir tal-kompjuter għal ħlas elettroniku, softwer għal tranżazzjonijiet ta' ħlas elettroniku, kards għal ħlas elettroniku, strumenti elettriċi u elettroniċi għall-ġestjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji";

— klassi 35: "Servizzi ta' abbonamenti għal gazzetti (għal terzi persuni); għajnuna għat-tmexxija ta' negozji, pariri fl-organizzazzjoni u fit-tmexxija tan-negozju, konsultazzjoni professjonali ta' negozji, esperti fin-negozju, informazzjoni ta' negozji, stimi ta' negożji kummerċjali; analiżi tal-prezz ta' produzzjoni, tixrid ta' reklami, traskriz-

zjoni ta' komunikazzjonijiet, kompatibbiltà, konsultazzjoni għad-domandi personali, reklami bil-posta, reklami bil-posta elettronika, xandir ta' pubbliċità fuq netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni online, servizzi ta' informazzjoni, pariri u ta' assistenza amministrattiva u kummerċjali għall-implementazzjoni ta' ħlas b'sigurtà għall-kummerċ online fuq l-Internet, abbozzar fiskali, wiri ta' prodotti, tixrid ta' reklamar (noti, prospetti, materjal stampat, kampjuni), studji tas-suq, organizzazzjoni ta' wirjiet bi skop kummerċjali jew pubbliċitarju, ġabra data ġo fajl ċentrali, sistematizzazzjoni ta' data ġo fajl ċentrali, ġestjoni ta' fajl informatiċi, żamma ta' kotba, żamma ta' kotba tal-kontabbiltà, riċerka tas-suq, previżjonijiet ekonomiċi, proġetti (għajnuna fil-ġestjoni tal-affarijiet kummerċjali), pubblikazzjoni ta' testi tar-reklamar, reklamar bil-posta, reklamar radjufoniku, reklamar televiżiv, abbozzar ta' dikjarazzjonijiet ta' kontijiet, servizzi ta' tweġieb tat-telefon (għall-abbonati assenti), servizzi ta' segretarjat, informazzjoni statistika, proċessar ta' test, verifika ta' kontijiet, organizzazzjoni ta' kompetizzjoni (reklamar jew promozzjoni ta' bejgħ), operazzjonijiet promozzjonali u ta' reklamar bil-għan li tinżamm il-klijentela u l-persunal, għoti u lqugħ ta' ordnijiet ta' prodotti u ta' servizzi permezz tal-Internet, Intranet u Extranet, ġestjoni amministrattiva ta' distributuri awtomatiċi, ta' magni awtomatici ta' ħlas u ta' magni awtomatiċi bankarji";

— klassi 36: "Affarijiet dwar proprjetà immobbli, assigurazzjoni kontra l-inċidenti, factoring, affarijiet bankarji, affarijiet finanzjarji, affarijiet monetarji, aġenziji ta' kreditu, aġenziji ta' rkupru ta' dejn, analiżi bankarja, analiżi finanzjarja, analiżi monetarja, self għal kera, evalwazzjoni (stima) ta' proprjetà immobbli, ħruġ ta' titoli ta' valur, fond tas-sigurtà soċjali, kostituzzjoni, investiment u kollokament tal-kapital, servizzi ta' kards ta' kreditu, servizzi ta' kards ta' debitu, sigurtajiet (garanziji), operazzjonijiet ta' kambju, verifika ta' ċekkijiet, ħruġ ta' ċekkijiet tal-ivvjaġġar, konsultazzjoni fil-qasam tal-assigurazzjoni, ġbir ta' oġġetti ta' valur, tranżazzjonijiet ta' tpaċija, konsultazzjoni fil-qasam bankarju, konsultazzjoni fil-qasam finanzjarju, senserija f'assigurazzjonijiet, senserija fi proprjetà immobbli, senserija fil-Borża, kreditu, depożitu ta' oġġetti ta' valur, depożiti f'kaxxaforti, tfaddil, stimi u evalwazzjonijiet finanzjarji (assigurazzjoni, banek, proprjetà immobbli), servizzi ta' trusts, servizzi ta' finanzjament, informazzjoni finanzjarja, stimi fiskali, evalwazzjoni fiskali, kostituzzjoni, investiment u kollokament ta' fondi, trasferiment elettroniku ta' fondi, informazzjoni finanzjarja u bankarja, irkupru ta' kirjiet, assigurazzjoni tal-mard, assigurazzjoni marittima, self b'rahan, operazzjonijiet finanzjarji, operazzjonijiet monetarji, għajnuna (sponsorship) finanzjarju, self (finanzi), tranżazzjonijiet finanzjarji, assigurazzjoni fuq il-ħajja, amministrazzjoni ta' kontijiet ta' valur, amministrazzjoni ta' patrimonji, servizzi ta' informazzjoni finanzjarji u bankarja online, servizzi ta' informazzjoni finanzjarja u bankarja

interattivi informatiċi, servizzi ta' ħlas elettroniku, servizzi ta' trasferiment elettroniku ta' oġġetti ta' valur, ta' fondi, ta' kapitali, ta' ishma, ta' munita u ta' kull titolu finanzjarju ieħor, servizzi ta' ħlas online fuq netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni, senserija u tranżazzjonijiet fuq netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni online";

— klassi 37: "Servizz ta' installazzjoni, ta' manutenzjoni ta' riparazzjoni";

— klassi 38: "Telekomunikazzjonijiet, aġenziji ta' informazzjoni (ġodda) b'mod partikolari fil-qasam bankarju, komunikazzjonijiet permezz ta' terminals tal-kompjuters, komunikazzjonijiet radjufoniċi, komunikazzjonijiet telefoniċi, spedizzjoni ta' messaġġi, trażmissjoni ta' messaġġi, xandir ta' programmi tat-televiżjoni, trażmissjonijiet radjufoniċi, trażmissjonijiet televiżivi, informazzjoni dwar telekomunikazzjonijiet, kiri ta' apparat għat-trażmissjoni ta' messaġġi, kiri ta' telefons, sistema elettronika ta' messaġġi, trażmissjoni ta' messaġġi, trażmissjoni ta' messaġġi u ta' stampi bl-għajnuna ta' kompjuter, radjutelefonija mobbli, trażmissjoni bis-satellita, servizzi telefoniċi, trażmissjoni ta' informazzjoni permezz ta' netwerks tal-Internet, tal-Intranet u tal Extranet, servizzi ta' trażmissjoni ta' informazzjoni interattivi informatiċi, trażmissjoni ta' informazzjoni li ġejja minn bażi ta' data informatika, servizzi internazzjonali ta' trażmissjoni ta' data bejn sistemi informatiċi li jinsabu f'netwerk, trażmissjoni ta' informazzjoni online, trażmissjoni u riċeviment ta' informazzjoni, ta' messaġġi, ta' stampi u ta' ħsejjes permezz ta' telefons b'linja fissa, mowbajls, kompjuters, mikrokompjuters jew sistemi vidjo, servizzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' posta elettronika u permezz ta' vidjotext, servizzi ta' telekomunikazzjoni li joffru aċċess għal servizzi kompluti bankarji, ta' kumpannija ta' finanzjament u ta' assigurazzjoni għad-distanza, provvista ta' aċċess online għal bażi ta' data finanzjarja, kiri ta' ħin għall-aċċess għal server ta' bażi ta' data (servizzi informatiċi), kiri ta' ħin għall-aċċess għal kompjuter għall-manipulazzjoni ta' data";

— klassi 42: "Servizzi legali, analiżi għall-installazzjoni ta' sistemi tal-kompjuter; servizzi ta' arbitraġġ, irkupru ta' bażi ta' data, servizzi ta' litigazzjoni, studji ta' proġetti tekniċi, perizja (xogħlijiet ta' inġenjerija), kiri ta' softwer informatika, kiri ta'

kompjuters, elaborazzjoni (disinn) ta' softwer, aġġornament ta' softwer, manutenzjoni ta' softwer tal-kompjuters, programmazzjoni għall-kompjuters, għajnuna legali (superviżjoni), ġestjoni tad-dritt tal-proprjetà industrijali, reġistrazzjoni u ġestjoni tat-trade marks, ta' disinni u ta' mudelli, servizzi ta' riservazzjoni u ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominju, servizzi ta' ġestjoni ta' ismijiet ta' dominju, servizzi ta' informazzjoni legali online, servizzi ta' informazzjoni legali interattivi informatiċi, servizzi ta' disinn u żvilupp ta' sistemi ta' ħlas elettroniku u ta' sigurtà tat-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq l-Internet jew fuq kull netwerk informatiku ieħor, servizzi ta' programmazzjoni informatika ta' aċċess għal sistema ta' ġestjoni ta' distributuri awtomatiċi, ta' magni awtomatiċi ta' ħlas u ta' magni awtomatiċi bankarji".

4 Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2006, l-eżaminatur ċaħad din l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni abbażi tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 2007/2009], biss għall-prodotti u s-servizzi li ġejjin (iktar 'il quddiem il-"prodotti u servizzi kkonċernati"):

— klassi 9: "Distributuri awtomatiċi, magni li jagħtu l-flus, il-biljetti, id-dikjarazzjonijiet ta' kontijiet, l-estratti ta' kontijiet, magni awtomatiċi ta' ħlas, magni awtomatiċi bankarji, kameras (apparat ċinematografiku), kards tal-memorja (memory cards) jew b'mikroproċessur (microprocessor cards), kards manjetiċi, kards manjetiċi jew b'mikroproċessur ta' identifikazzjoni, kards manjetiċi jew b'mikroproċessur ta' ħlas, ta' kreditu jew ta' debitu, apparat ta' interkomunikazzjoni, interfaces (informatiċi), scanners (informatiċi), softwer (programmi reġistrati), softwer għall-ġestjoni tal-kontijiet, monitors (programmi tal-kompjuter), kompjuters, tagħmir periferiku għall-kompjuter, programmi tal-kompjuter irreġistrati, programmi tas-sistemi operattivi rreġistrati (għal kompjuters), unitajiet ċentrali ta' trattament (proċessuri), programmi u tagħmir informatiċi li jippermettu li jiġu offruti servizzi bankarji kompluti, ta' kumpannija finanzjarja u ta' assigurazzjoni għad-distanza, softwer għal ħlas b'sigurtà għal netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni online, tagħmir u strumenti ta' ħlas elettroniku; tagħmir tal-kompjuter għal ħlas elettroniku, softwer għal tranżazzjonijiet ta' ħlas elettroniku, kards għal ħlas elettroniku, strumenti elettriċi u elettroniċi għall-ġestjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji";

— klassi 35: "Ġestjoni amministrattiva ta' distributuri awtomatiċi, ta' magni awtomatiċi ta' ħlas u ta' magni awtomatiċi bankarji";

— klassi 36: "Affarijiet dwar proprjetà immobbli, assigurazzjoni kontra l-inċidenti, factoring, affarijiet bankarji, affarijiet finanzjarji, affarijiet monetarji, aġenziji ta' kreditu, fond tas-sigurtà soċjali, servizzi ta' kards ta' kreditu, servizzi ta' kards ta' debitu, konsultazzjoni fil-qasam bankarju, konsultazzjoni fil-qasam finanzjarju, kreditu, depożitu ta' oġġetti ta' valur, tfaddil, informazzjoni finanzjarja, kostituzzjoni, investiment u kollokament tal-kapital, trasferiment elettroniku ta' fondi, informazzjoni finanzjarja u bankarja, operazzjonijiet finanzjarji, operazzjonijiet monetarji, self (finanzi), tranżazzjonijiet finanzjarji, amministrazzjoni ta' kontijiet ta' valur, amministrazzjoni ta' patrimonji, servizzi ta' informazzjoni finanzjarji u bankarja online, servizzi ta' informazzjoni finanzjarja u bankarja interattivi informatiċi, servizzi ta' ħlas elettroniku, servizzi ta' trasferiment elettroniku ta' oġġetti ta' valur, ta' fondi, ta' kapitali, ta' ishma, ta' munita u ta' kull titolu finanzjarju ieħor, servizzi ta' ħlas online fuq netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni, senserija u tranżazzjonijiet fuq netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni online";

— klassi 38: "Telekomunikazzjonijiet, kiri ta' apparat għat-trażmissjoni ta' messaġġi, trażmissjoni ta' informazzjoni permezz ta' netwerks tal-Internet, tal-Intranet u tal Extranet, servizzi ta' trażmissjoni ta' informazzjoni interattivi informatiċi, trażmissjoni ta' informazzjoni li ġejja minn bażi ta' data informatika, servizzi internazzjonali ta' trażmissjoni ta' data bejn sistemi informatiċi li jinsabu f'netwerk, trażmissjoni ta' informazzjoni online, trażmissjoni u riċeviment ta' informazzjoni, ta' messaġġi, ta' stampi u ta' ħsejjes via kompjuters, mikrokompjuters jew sistemi vidjo, servizzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' posta elettronika u permezz ta' vidjotext, servizzi ta' telekomunikazzjoni li joffru aċċess għal servizzi kompluti bankarji, ta' kumpannija ta' finanzjament u ta' assigurazzjoni fit-tul, provvista ta' aċċess online għal bażi ta' data finanzjarja, kiri ta' ħin għall-aċċess għal server ta' bażi ta' data (servizzi informatiċi), kiri ta' ħin għall-aċċess għal kompjuter għall-manipulazzjoni ta' data";

— klassi 42: “Servizzi ta’ disinn u żvilupp ta’ sistemi ta’ ħlas elettroniku u ta’ sigurtà tat-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq in-netwerk tal-Internet jew fuq kull netwerk informatiku ieħor, servizzi ta’ programmazzjoni informatika ta’ aċċess għal sistema ta’ ġestjoni ta’ distributuri awtomatiċi, ta’ magni awtomatiċi ta’ ħlas u ta’ magni awtomatiċi bankarji”.

5 Fil-15 ta’ Frar 2007, ir-rikorrenti ppreżentat, skont l-Artikoli 57 sa 62 tar-Regolament Nru 40/94 [li saru l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009], appell quddiem l-UASI kontra d-deċiżjoni tal-eżaminatur.

6 Permezz ta’ deċiżjoni tas-6 ta’ Settembru 2007 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad dan l-appell abbażi tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009], għar-raġuni li s-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni ma kellux karattru distintiv fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati. Skont il-Bord tal-Appell, din it-trade mark ser tkun ipperċepita bħala indikazzjoni prattika, proċedura li għandha tiġi segwita jew metodu biex titwettaq tranżazzjoni li tinvolvi l-użu ta’ kard bankarja jew ta’ tip ieħor.

It-talbiet tal-partijiet

7 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Prim’Istanza jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna lill-UASI sabiex jirreġistra t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni.

8 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti għamlet it-talbiet tagħha billi talbet li l-UASI jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

9 L-UASI jitlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq l-ammissibbiltà tat-tieni kap tat-talbiet tar-rikorrenti

10 Bit-tieni kap tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti titlob lill-Oorti tal-Prim'Istanza tordna lill-UASI sabiex jirreġistra t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, b'mod konformi mal-Artikolu 63(6) tar-Regolament Nru 40/94

[li sar l-Artikolu 65(6) tar-Regolament Nru 207/2009], l-UASI għandu jieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti Komunitarja. Għalhekk, mhijiex il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tindirizza ordni lill-UASI. Huwa dan tal-aħħar li għandu jasal għall-konsegwenzi mid-dispożittiv u mill-motivi ta' din is-sentenza [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Jannar 2001, Mitsubishi HiTec Paper Bielefeld vs UASI (Giroform), T-331/99, Ġabra p. II-433, punt 33, u tas-27 ta' Frar 2002, Eurocool Logistik vs UASI (EUROCOOL), T-34/00, Ġabra p. II-683, punt 12]. Għaldaqstant it-tieni kap tat-talbiet tar-rikorrenti huwa inammissibbli.

Fuq il-mertu

11 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009].

L-argumenti tal-partijiet

12 Ir-rikorrenti ssostni li l-ebda element tat-trade mark li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni, jiġifieri r-rappreżentazzjoni stilizzata ta' id, il-figura rettangolari ta' kulur abjad miżmuma mill-id u s-serje ta' tliet trijangoli, meħuda individwalment jew flimkien, ma jwassal għall-konklużjoni li din it-trade mark tikkostitwixxi indikazzjoni ta' "proċedura li għandha tiġi segwita" jew ta' "metodu" biex titwettaq "tranżazzjoni li tinvolvi l-użu ta' kard bankarja", kif il-Bord tal-Appell afferma fid-deċiżjoni kkontestata.

13 L-ewwel nett, ir-rikorrenti tikkontesta l-eżattezza tal-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell, li tipprovdi li l-figura rettangolari ta' kulur ċar miżmuma b'id li tidher fuq is-sinjal inkwisjtoni hija kard tal-bank.

14 Għaldaqstant, ma jkunx korrett li jiġi ddikjarat li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma għandhiex karattru distintiv fir-rigward ta' parti mill-prodotti u mis-servizzi li jaqgħu taħt il-klassijiet 9, 35 u 42, inkwantu dawn il-prodotti u servizzi huma neċessarjament konnessi mal-użu ta' kards għal ħlas elettroniku u għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet permezz ta' dawn il-kards, kif ukoll fir-rigward tas-servizzi li jaqgħu taħt il-klassijiet 36 u 38, għaliex l-imsemmija trade mark timplika li l-konsumaturi jistgħu jwettqu dan l-operazzjonijiet permezz ta' kards elettroniċi jew manjetiċi.

15 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-abbinament li jikkonsisti f'id iżżomm figura rettangolari ta' kulur ċar jikkostitwixxi element distintiv fir-rigward ta' ċerti prodotti u servizzi kkonċernati, minħabba r-rappreżentazzjoni stilizzata, id-dispożizzjoni u t-tqegħid tal-id u tal-figura rettangolari.

16 Skont ir-rikorrenti, il-Bord tal-Appell imur lil hinn mill-elementi li jikkostitwixxu t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u mill-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati sabiex jipprova jistabbilixxi konnessjoni bejn ċerti elementi tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u l-prodotti u servizzi kkonċernati. Barra minn hekk, huwa jinjora l-eżistenza tal-abbinament tat-tliet trijangoli, li jikkostitwixxi wieħed mill-elementi distintivi u dominanti tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Dan l-element huwa rari u arbitrarju għall-prodotti u servizzi kkonċernati u jippermetti li jiġu identifikati dawk tar-rikorrenti minn dawk tal-kompetituri tagħha.

17 Minn naħa, skont ir-rikorrenti, l-elementi tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, meħuda individwalment jew flimkien, huma totalment distintivi fir-rigward tal-prodotti u tas-servizz li ġejjin:

— klassi 9: "Kards manjetiċi, kards manjetiċi jew b'mikroproċessur ta' identifikazzjoni, tagħmir li jġorr id-data b'mod manjetiku, apparat ta' interkomunikazzjoni, interfaces (informatiċi), scanners (informatiċi), softwer (programmi reġistrati), monitors (programmi tal-kompjuter), kompjuters, tagħmir periferiku għall-kompjuter, programmi tal-kompjuter irreġistrati, programmi tas-sistemi operattivi rreġistrati (għal kompjuters), unitajiet ċentrali ta' trattament (proċessuri), softwer għal ħlas b'sigurtà għal netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni online, tagħmir u strumenti ta' ħlas elettroniku; tagħmir tal-kompjuter għal ħlas elettroniku, softwer għal tranżazzjonijiet ta' ħlas elettroniku";

— klassi 36: "Aġenziji ta' kreditu, fond tas-sigurtà soċjali, kreditu, tfaddil, kostituzzjoni, investiment u kollokament ta' fondi, self (finanzi), amministrazzjoni ta' kontijiet ta' valur, amministrazzjoni ta' patrimonji, servizzi ta' ħlas elettroniku, servizzi ta' ħlas online fuq netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni";

— klassi 38: "Telekomunikazzjonijiet, komunikazzjonijiet permezz ta' terminals tal-kompjuters, sistema elettronika ta' messaġġi, trażmissjoni ta' messaġġi, trażmissjoni ta' messaġġi u ta' stampi bl-għajnuna ta' kompjuter, trażmissjoni ta' informazzjoni permezz ta' netwerks tal-Internet, tal-Intranet u tal Extranet, servizzi ta' trażmissjoni ta' informazzjoni interattivi informatiċi, trażmissjoni ta' informazzjoni li ġejja minn bażi ta' data informatika, servizzi internazzjonali ta' trażmissjoni ta' data bejn sistemi informatiċi li jinsabu f'netwerk, trażmissjoni ta' informazzjoni online, trażmissjoni u riċeviment ta' informazzjoni, ta' messaġġi, ta' stampi u ta' ħsejjes permezz ta' kompjuters, mikrokompjuters u sistemi vidjo, servizzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' posta elettronika u permezz ta' vidjotext, kiri ta' ħin għall-aċċess għal server ta' bażi ta' data (servizzi informatiċi), kiri ta' ħin għall-aċċess għal kompjuter għall-manipulazzjoni ta' data";

— klassi 42: "Servizzi ta' disinn u żvilupp ta' sistemi ta' ħlas elettroniku u ta' sigurtà tat-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq in-netwerk tal-Internet jew fuq kull netwerk informatiku ieħor".

18 Meħuda individwalment, l-elementi jirrappreżentaw id stilizzata, figura rettangolari ta' kulur ċar miżmuma mill-id u s-serje ta' tliet trijangoli, li, flimkien, jikkostitwixxu wkoll abbinament distintiv u arbitrarju, huma distintivi fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi msemmija hawn fuq, li jippermetti li jiġi kkonstatat li ma jeżisti l-ebda rekwiżit ta' disponibbiltà tal-abbinament ta' dawn l-elementi għal dawn il-prodotti u servizzi.

19 Għaldaqstant, xejn ma jippermetti li jiġi konkluż li t-trade mark inkwistjoni hija użata b'mod komuni fil-kummerċ meta mqabbla ma' tali prodotti u servizzi.

20 Min-naħa l-oħra, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, għandha karattru distintiv għall-prodotti u għas-servizzi li ġejjin:

— klassi 9: "Distributuri awtomatiċi, magni li jagħtu l-flus, il-biljetti, id-dikjarazzjonijiet ta' kontijiet, l-estratti ta' kontijiet, magni awtomatiċi ta' ħlas, magni awtomatiċi bankarji, kards tal-memorja (memory cards) jew b'mikroproċessur (microprocessor cards), kards manjetiċi, kards manjetiċi jew b'mikroproċessur ta' ħlas, ta' kreditu jew ta' debitu, programmi u tagħmir informatiċi li jippermettu li jiġu offruti servizzi kompluti bankarji, ta' kumpannija finanzjarja u ta' assigurazzjoni

għad-distanza, kards għal ħlas elettroniku, strumenti elettriċi u elettroniċi għall-ġestjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji";

— klassi 35: "Ġestjoni amministrattiva ta' distributuri awtomatiċi, ta' magni awtomatiċi ta' ħlas u ta' magni awtomatiċi bankarji";

— klassi 36: "Affarijiet bankarji, affarijiet finanzjarji, servizzi ta' kards ta' kreditu, servizzi ta' kards ta' debitu, operazzjonijiet ta' kambju, ġbir ta' oġġetti ta' valur, tranżazzjonijiet ta' tpaċija, konsultazzjoni fil-qasam bankarju, konsultazzjoni fil-qasam finanzjarju, senserija f'assigurazzjonijiet, depożitu ta' oġġetti ta' valur, trasferiment elettroniku ta' fondi, operazzjonijiet monetarji, operazzjonijiet finanzjarji, tranżazzjonijiet finanzjarji, servizzi ta' informazzjoni finanzjarji u bankarja online, servizzi ta' informazzjoni finanzjarja u bankarja interattivi informatiċi, servizzi ta' ħlas elettroniku, servizzi ta' trasferiment elettroniku ta' oġġetti ta' valur, ta' fondi, ta' kapitali, ta' ishma, ta' munita u ta' kull titolu finanzjarju ieħor, senserija u tranżazzjonijiet fuq netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni online";

— klassi 38: "Servizzi ta' telekomunikazzjoni li joffru aċċess għal servizzi kompluti bankarji, ta' kumpannija ta' finanzjament u ta' assigurazzjoni għad-distanza, provvista ta' aċċess online għal bażi ta' data finanzjarja";

— klassi 42: "Servizzi ta' programmazzjoni informatika ta' aċċess għal sistema ta' ġestjoni ta' distributuri awtomatiċi, ta' magni awtomatiċi ta' ħlas u ta' magni awtomatiċi bankarji".

21 Ir-rikorrenti tosserva li, anki jekk ċerti elementi li jifformaw it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jistgħu eventwalment jevokaw il-qasam li jappartjeni għaliha l-prodotti u s-servizzi msemmija hawn fuq, għandu jiġi kkonstatat li r-rappreżentaz-

zjoni ta' serje ta' tliet trijangoli għandha karattru distintiv u arbitrarju fir-rigward ta' dawn il-prodotti u servizzi kollha. Għalhekk, ma jeżisti l-ebda rekwiżit ta' disponibbiltà ta' dan l-element għal dawn il-prodotti u servizzi.

22 Barra minn hekk, xejn ma jippermetti li jiġi konkluż li dan l-element huwa użat b'mod komuni fil-kummerċ meta mqabbel ma' tali prodotti u servizzi. Għaldaqstant, is-serje ta' tliet trijangoli flimkien mal-elementi l-oħrajn li jifformaw it-trade mark inkwistjoni għandha karattru distintiv fir-rigward ta' dawn il-prodotti u servizzi.

23 It-tielet nett, ir-rikorrenti tosserva li s-serje ta' tliet trijangoli ta' kulur skur orjentati lejn il-lemin, li tnejn minnhom huma mqiegħda fuq il-figura rettangolari, tikkostitwixxi waħda mill-elementi distintivi u dominanti fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati kollha.

24 Fil-fatt, it-tliet trijangoli ta' kulur iswed, li l-grafika tagħhom hija rari u arbitrarja meta mqabbla mal-prodotti u mas-servizzi kkonċernati, huma viżwalment dominanti u jikkonferixxu lit-trade mark, fit-totalità tagħha, impressjoni partikolari ħafna, li tippermetti lill-konsumaturi li jiftakruha u li jiddistingwuha mit-trade marks tal-kompetituri tagħha.

25 Ir-rikorrenti tiddikjara li xejn ma jippermetti li jiġi konkluż li t-trade mark inkwistjoni hija użata b'mod komuni fil-kummerċ meta mqabbla mal-prodotti u servizzi kkonċernati. Hija tippermetti lill-pubbliku rilevanti li jiddistingwi mingħajr konfużjoni possibbli l-prodotti u s-servizzi tal-proprjetarju tat-trade mark minn dawk li għandhom oriġini kummerċjali oħra.

26 Ir-rikorrenti ssostni li hija wriet l-użu intensiv, qabel ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, ta' logo li jikkonsisti minn tliet trijangoli orjentati lejn il-lemin. Fil-fatt, hija kienet ippreżentat kopja ta' karta tal-ittri stampata bl-isem u bl-indirizz, żewġ fatturi u estratt tas-sit-tal-Internet tagħha. Fl-opinjoni tagħha, il-pubbliku jistabblixxi neċessarjament konnessjoni bejnha u t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, li tirriproduċi kompletament dan il-logo.

27 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-karattru distintiv intrinsiku tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni huwa identifikat, inkwantu din it-trade mark kienet ġiet użata b'mod estensiv qabel ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni. Banek, li hija konnessa magħhom, għamlu użu minnha fuq il-magni li jagħtu l-flus tagħhom, kif ukoll jidher minn ritratt meħud fl-2005 fi Thionville (Franza) u dokument bl-isem "Euro Automatic Cash- Supports u użu fuq GABs CEE-SE-IDF-SMB", ta' Ġunju 2007, li hija pproduċiet matul il-proċedimenti qudddiem l-UASI. Konsegwentement hija ssostni li tali użu huwa ta' natura li jikkonferixxi lit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni żieda ta' karattru distintiv u li l-għarfien, mill-pubbliku rilevanti, ta' din it-trade mark jista' jsaħħaħ il-karattru distintiv tagħha.

28 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-UASI kienet diġà aċċettat ir-reġistrazzjoni ta' trade mark simili għat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.

29 L-UASI tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti esposti mir-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

30 Skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009] ma jistgħux jiġu rreġistrati "trade marks li mhumiex ta' karattru distintiv".

31 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-karattru distintiv ta' trade mark għandu jiġi evalwat, minn naħa, fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-perċezzjoni li l-pubbliku kkonċernat, li huwa kompost mill-konsumatur medju ta' dawn il-prodotti jew servizzi, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, għandu tagħha (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Henkel vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35, u tat-22 ta' Ġunju 2006, Storck vs UASI, C-25/05 P, Ġabra p. I-5719, punt 25).

32 Għandu jiġi mfakkar li t-trade marks li jaqgħu taħt l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 huma, b'mod partikolari, dawk li, mill-perspettiva tal-pubbliku rilevanti, huma użati b'mod komuni fil-kummerċ sabiex jirrappreżentaw il-prodotti jew is-servizzi kkonċernati jew li fir-rigward tagħhom jeżistu, minn tal-inqas, indizji konkreti li abbażi tagħhom jista' jiġi konkluż li dawn jistgħu jiġu użati b'dan il-mod. Barra minn hekk, is-sinjali li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni tali li jistgħu jeżerċitaw il-funzjoni essenzjali tat-trade mark, jiġifieri li jidentifikaw l-oriġini tal-prodott jew tas-servizz, sabiex b'hekk jippermettu lill-konsumatur li jkun akkwista l-prodott jew is-servizz indikat mit-trade mark li, meta jiġi biex jagħmel akkwist ieħor, jerġa' jagħmel l-istess għażla jekk l-esperjenza tkun waħda pożittiva jew li jagħmel għażla oħra jekk l-esperjenza tkun waħda negattiva [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Diċembru 2003, Nestlé Waters France vs UASI (Forma ta' flixkun), T-305/02, Ġabra p. II-5207, punt 28; tal-31 ta' Marzu 2004, Fieldturf vs UASI (LOOKS LIKE GRASS… FEELS LIKE GRASS… PLAYS LIKE GRASS), T-216/02, Ġabra p. II-1023, punti 23 u 24, u tal-24 ta' Novembru 2004, Henkel vs UASI (Forma ta' flixkun abjad u trasparenti) T-393/02, Ġabra p. II-4115, punt 30].

33 Ir-rikorrenti ma tikkontestax il-konklużjoni tal-Bord tal-Appell rigward il-pubbliku rilevanti. Il-kontroll tal-evalwazzjoni mill-Bord tal-Appell tal-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ssir, konsegwentement, billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-konsumatur Ewropew medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, li għalih qed isir referenza fil-punt 15 tad-deċiżjoni kkontestata.

34 Ir-rikorrenti ma tikkontestax li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tikkorrispondi għal rappreżentazzjoni grafika li tikkonsisti minn rappreżentazzjoni stilizzata ta' id, ta' figura rettangolari ta' kulur ċar miżmuma minn id u serje ta' tliet trijangoli ta' kulur skur, orjentata lejn il-lemin, li tnejn minnhom huwa mqiegħda fuq il-figura rettangolari.

35 Għal dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, allegat mir-rikorrenti mill-fatt ta' rappreżentazzjoni stilizzata tal-elementi li jifformaw lil din tal-aħħar, għandu jiġi eżaminat jekk, fir-rigward tal-impressjoni ġenerali magħmula permezz tal-abbinament tal-forma tagħha, tal-kuluri tagħha u tad-disinn tagħha, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tistax tiġi pperċepita mill-konsumatur rilevanti bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tagħha.

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi miċħud, qabel kollox, l-argument tar-rikorrenti intiż sabiex jissepara l-elementi differenti li jifformaw it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u li jiġi evalwat il-karattru distintiv tagħhom b'mod individwali. Fil-fatt, l-eżami tal-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għandu jirrigwarda l-impressjoni ġenerali li hija tipproduċi u mhux fuq kull element li jifformaha, meħud separatament [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Settembru 2005, BioID vs UASI, C-37/03 P, Ġabra p. I-7975, punt 29, u tat-8 ta' Mejju 2008, Eurohypo vs UASI, C-304/06 P, Ġabra p. I-3297, punt 41].

37 Issa, kif ukoll il-Bord tal-Appell ġustament irrileva, fid-dawl tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati, ir-rappreżentazzjoni ta' id iżżomm figura rettangolari li tixbah kard, flimkien ma' tliet trijangoli orjentati lejn l-istess direzzjoni, tiġi ppreċepita mill-pubblika rilevanti bħala indikazzjoni prattika, intiża sabiex tindika l-proċedura li għandha tiġi għall-użu tal-kard biex titwettaq tranżazzjoni, u mhux bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati. Fil-fatt, il-konsumatur medju huwa kkonfrontat ta' kuljum ma' din it-tip ta' indikazzjoni prattika f'postijiet differenti, bħal banek, supermarkits, stazzjonijiet tal-ferrovija, ajruporti, żoni ta' parkeġġ u kabini tat-telefon.

38 Għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda argument li jqiegħed inkwistjoni l-fondatezza ta' din l-evalwazzjoni. Minkejja li r-rikorrenti tikkontesta l-fatt li l-figura rettangolari ta' kulur ċar tista' tiġi pperċepita bħala kard manjetika jew kard b'mikroċippa, għandu jitqies li l-kuntest li fih tidher din tal-aħħar, jiġifieri id stilizzata li żżommha u t-tliet trijangoli b'direzzjoni, kif ukoll il-prodotti u servizzi kkonċernati, ma tħallix jissussisti l-ebda dubju rigward il-perċezzjoni ta' dan is-sinjal mill-pubbliku rilevanti.

39 Bl-istess mod, għandu jiġi nnotat li l-abbinament ifformat mit-tliet trijangoli ta' kulur iswed, minħabba l-inklużjoni tiegħu fis-sinjal inkwistjoni, ma għandux il-karattru distintiv allegat mir-rikorrenti, minħabba l-fatt li huwa pperċepit mill-pubbliku rilevanti li jinkludi vleġġeġ direzzjonali li għandhom funzjoni prattika, jiġifieri dik li jindikaw fejn il-kard manjetika għandha tiddaħħal fid-distributur. B'dan il-mod, it-tliet trijangoli mhumiex distintivi fir-rigward tal-ebda waħda mill-klassijiet tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati. Għaldaqstant, hemmx lok li l-elementi l-oħra tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jiġu eżaminati separatament.

40 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Bord tal-Appell ġustament qies li l-konklużjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet tapplika, kif huwa spjega fid-dettall fil-punti 19 sa 22 tad-deċiżjoni kkontestata, għall-prodotti u servizzi kkonċernati kollha, li huma konnessi mal-użu tal-kards ta' ħlas elettroniku u għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet li jimplikaw l-użu ta' tali kards, bħal ħlasijiet elettroniċi permezz ta' kard magnetika (klassi 9), għall-ġestjoni amministrattiva tad-distributuri awtomatiċi (klassi 35), għas-sistema ta' ħlas elettroniku fuq netwerks informatiċi (klassi 42), għall-kummerċjalizzazzjoni ta' kards manjetiċi ta' ħlas u għat-tranżazzjonijiet li jitwettqu permezz tal-imsemmija kards (klassi 36), jew ukoll għal telekomunikazzjonijiet u trażmissjoni ta' informazzjoni elettronika li tintuża bħala tip ta' messaġġ li permezz tiegħu dawn is-servizzi jistgħu jinkisbu bl-użu ta' kard manjetika (klassi 38).

41 F'dan ir-rigward, għandu, b'mod partikolari, jiġi kkonstatat li r-rikorrenti baqgħet ma pprovdiet l-ebda prova li l-Bord tal-Appell wettaq żball meta qies, fil-punti 19 sa 22 tad-deċiżjoni kkontestata, li, fid-dawl tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tkun ipperċepita bħala direttament u neċessarjament konnessa mat-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas elettroniku permezz ta' kard manjetika.

42 Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, għandu jitqies li l-Bord tal-Appell ġustament ikkunsidra li, fir-rigward tal-impressjoni ġenerali li tirriżulta mill-abbinament tal-elementi differenti li jifformaw is-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni, dan tal-aħħar ma jippermettix lill-pubbliku rilevanti li jidentifika l-oriġini kummerċjali tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati, meta huwa jkun meħtieġ jagħżel fil-mument ta' xirja.

43 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni huwa msaħħaħ mill-fatt, minn naħa, tal-użu li kien sar mill-element li jirrappreżenta serje ta' tliet trijangoli orjentati lejn il-lemin bħala logo tar-rikorrenti fuq il-karta tal-ittri stampata bl-isem u bl-indirizz tagħha, fuq il-fatturi tagħha u fuq is-sit tal-Internet tagħha, u min-naħa l-oħra, tal-użu li kien sar mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, qabel ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, minn grupp bankarju, li hija kienet tifforma parti minnu, b'mod partikolari fuq id-distributuri awtomatiċi l-ewwel tal-bank CIC, u sussegwentement fuq dawk tal-grupp kollu.

44 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li r-rikorrenti ma tinvokax ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009], li jipprovdi li r-raġunijiet assoluti għal rifjut ta' reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 7(1)(b), (ċ) u (d) tal-imsemmi regolament ma jipprekludux ir-reġistrazzjoni ta' trade mark jekk din ikollha karattru distintiv, fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom kienet mitluba tkun r-reġistrazzjoni, minħabba l-użu li jkun sar minn din it-trade mark. Issa, għandu jiġi enfasizzat li, għall-finijiet li tevita r-raġuni assoluta ta' rifjut stipulat fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009], ir-rikorrenti ma tistax issostni li t-trade mark li għaliha

saret l-applikazzjoni tingħata "żieda" ta' karattru distintiv jew, ukoll, li dan tal-aħħar kien imsaħħaħ mill-fatt tal-użu li kien sar minnu. Peress li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma għandhiex karattru distintiv intrinsiku, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009], dan is-sinjal jista' jiġi rreġistrat biss jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 40/94 huma sodisfatti [li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009].

45 Konsegwentement, sa fejn ir-rikorrenti tallega l-iktar l-iktar li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għandha karattru distintiv intrinsikament suffiċjenti, fis-sens tal-Artiklolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009], minħabba l-użu, minn naħa, tal-logo kostitwit minn tliet trijangoli, li huwa inkluż fil-kompożizzjoni tagħha, u, min-naħa l-oħra, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni nnifisha, hemm lok li jiġi miċħud dan il-motiv.

46 Sa fejn ir-rikorrenti riedet madankollu tallega li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għandha tiġi rreġistrata skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009], hemm lok li jiġi mfakkar li mill-ġurisprudenza relattiva għall-intepretazzjoni tal-Artikolu 3(3) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks, li l-kisba ta' karattru distintiv permezz tal-użu tat-trade mark li l-kontenut legali tagħha huwa, essenzjalment, identifiku għal dak tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7 (3) tar-Regolament Nru 207/2009], li l-kontenut legali tiegħu huwa essenzjalment identiku għal dak tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 jirriżulta li l-ksib ta' karattru distintiv permezz tal-użu tat-trade mark jeħtieġ li mill-inqas porzjon sinjifikattiv tal-pubbliku rilevanti jidentifika, bis-saħħa tat-trade mark, il-prodotti jew is-servizzi kkonċernati bħala li ġejjin minn impriża partikolari [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Mejju 1999, Windsurfing Chiemsee, C-108/97 u C-109/97, Ġabra p. I-2779, punt 52, u tat-18 ta' Ġunju 2002, Philips, C-299/99, Ġabra p. I-5475, punt 61; ara, ukoll, f'dan ir-rigward ir-Regolament Nru 40/94, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' April 2004, Eurocermex vs UASI (Forma ta' flixkun tal-birra), T-399/02, Ġabra p. II-1391, punt 42, u tal-14 ta' Ġunju 2004, Europig vs UASI (EUROPIG), T-207/06, Ġabra p. II-1961, punt 55].

47 Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-karattru distintiv miksub permezz tal-użu tat-trade mark, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, is-sehem tas-suq li din it-trade mark għandha, l-intensità, il-firxa ġeografika u kemm ilha tintuża din it-trade mark, l-importanza tal-investimenti magħmula mill-impriża sabiex tippromwoviha, il-proporzjoni tal-oqsma kkonċernati li jidentifikaw il-prodott bħala li joriġina minn impriża partikolari permezz tat-trade mark kif ukoll id-dikjarazzjonijet tal-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija jew ta' assoċjazzjonijiet professjonali oħra. Jekk, abbażi ta' dawn il-fatturi, jista' jitqies li l-oqsma kkonċernati jew għall-inqas, parti sinjifikattiva minnhom jidentifikaw bis-saħħa tat-trade mark il-prodott bħala li joriġina minn impriżi partikolari, għandu jiġi konkluż li l-kundizzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009] hija sodisfatta [ara, b'analoġija, is-sentenzi Windsurfing Chiemsee, iċċitata iktar 'il fuq, punti 51 u 52, u Philips, iċċitata iktar 'il fuq, punti 60 u 61, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Marzu 2003, Alcon vs UASI — Dr. Robert Winzer Pharma (BSS), T-237/01, Ġabra p. II-411, punt 50].

48 F'din il-kawża, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-logo li r-rikorrenti tagħmel referenza għalih mhuwiex l-istess bħat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, iżda jikkostitwixxi wieħed mill-elementi li jifformaha. Issa, kif il-Bord tal-Appell ġustament qies fil-punt 27 tad-deċiżjoni kkontestata, anki jekk dan il-logo akkwista karattru distintiv bis-saħħa tal-użu tiegħu, dan il-karattru distintiv ma jistax jibbenefika s-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni, li huwa fformat minn elementi oħrajn determinanti fl-impressjoni ġenerali li huwa jipproduċi.

49 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-provi tal-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, prodotti mir-rikorrenti matul il-proċedimenti quddiem l-UASI, huma manifestament insuffiċjenti sabiex juru karattru distintiv miksub permezz tal-użu, fid-dawl tar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009], imfakkra fil-punti 47 u 48 iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, fin-nuqqas ta' elementi rilevanti l-ishma tas-suq, kif ukoll l-intensità u l-firxa ġeografika tal-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, il-fatt biss li grupp bankarju għamel użu mill-imsemmija trade mark fuq il-magni li jagħtu l-flus tiegħu bl-ebda mod ma jippermetti li jitqies li parti sinjifikattiva tal-pubbliku rilevanti ser jattribbwixxi l-prodotti u servizzi kkonċernati, li għalihom it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ser tintuża, mar-rikorrenti jew mal-grupp li hija tifforma parti minnhom.

50 Konsegwentement, l-argument tar-rikorrenti la jista' jistabbilixxi żieda tal-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u lanqas juri l-kisba ta' karattru distintiv permezz tal-użu skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009].

51 Fir-rigward tal-argumenti bbażati fuq reġistrazzjonijiet preċedenti magħmula mill-UASI, intiżi sabiex jikkritikaw il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza ta' trattament, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell għandha tiġi evalwata biss abbażi tar-Regolament Nru 40/94 [li sar ir-Regolament Nru 207/2009], kif interpretat mill-qorti Komunitarja, u mhux abbażi ta' prassi deċiżjonali preċedenti għal dawk tal-aħħar [sentenza BioID vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47, u sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Frar 2002, Streamserve vs UASI (STREAMSERVE), T-106/00, Ġabra p. II-723, punt 66].

52 Minn dan isegwi li l-uniku motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009], huwa infondat u, għaldaqstant, ir-rikors għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

53 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tigi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-UASI.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Européenne de traitement de l'information (Euro-Information) hija kkundannata għall-ispejjeż.

Meij Vadapalas Truchot

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' Lulju 2009.

Firem